MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1730/2003

**Carmelo Tabone u Theresa Tabone**

**Vs**

**Mary Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ Lm425.00c (erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) rappresentanti prezz ta’ ghamara mibjugha u kkonsenjata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie ppresentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-atturi li kkonfermaw li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm425.00c (erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------